

Brussell, 12 ta' Mejju 2017
(OR. fr)

**Fajl Interistituzzjonali:
2013/0306 (COD)**

8714/1/17
REV 1

CODEC 702
EF 87
ECOFIN 323

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fondi tas-suq monetarju (**l-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fil-5 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-opinjoni tiegħu fl-10 ta' Diċembru 2013². Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' Mejju 2015³.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fil-5 ta' April 2017. Ir-riżultat tal-vot tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ dok. 13449/13.

² ĠU C 170, 5.6.2014, p. 50.

³ ĠU C 255, 6.8.2014, p. 3.

⁴ dok. 7240/17.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill biex:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 59/16, bil-vot kontra tad-delegazzjoni Lussemburgiża;
- jiddeċiedi li fil-minuti ta' din is-sessjoni tiddaħħal id-dikjarazzjoni li tidher fl-addendum għal din in-nota.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
